**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 153**
**It-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEFIBRILLATORS**

**9882. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru fejn hemm defibrillators huma:
Agency for the Welfare of Asylum Seekers, Correctional Service Agency, Detention Services Agency, Local Enforcement System Agency, Residency Malta Agency, Korp tal-Pulizija, Forzi Armati ta' Malta, Protezzjoni Civili.

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ, IR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA - DEFIBRILLATORS**

**9883. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjat Parlamentari jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu/tagħha fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9882.

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - DEFIBRILLATORS**

**9884. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-entitajiet fi ħdan il-Ministeru hemm total ta' 7 defibrillators.

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - DEFIBRILLATORS**

**9885. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - DEFIBRILLATORS**

**9886. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

| MINISTERU/DIPARTIMENT/ENTITA | NUMRU TA DEFIBRILLATORS |
|---|---|
| Air Malta | 13 |
| Contracts | 1 |
| FIAU | 1 |
| Jobsplus | 2 |
| MFSA | 3 |
| NSO/MSA | 1 |
| Treasury | 1 |

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEFIBRILLATORS**

**9887. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista tal-entitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu fejn hemm defibrillator?

08/06/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li fl-entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi hemm total ta' 62 defibrillator.

Seduta 153
10/10/2023

**CCF – PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**10763. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid bħalissa kemm hemm priġunieri transgender fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin hemm 2 priġunieri transgender.

Seduta 153
10/10/2023

**PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**10764. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid fejn qed jinżammu l-priġunieri transgender bħalissa?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi dawk il-persuni li jidentifikaw ruħhom transgender jinsabu fis-sezzjoni skont kif huma jidentifikaw. Dan huwa ferm differenti minn dak li kien jiġri qabel meta l-identità tal-ġeneru tal-individwu ma kinitx tittieħed in konsiderazzjoni.

Seduta 153
10/10/2023

**CCF – POLICY DWAR PRIĠUNIERI TRANSGENDER**

**10765. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-policy tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) dwar priġunieri transgender?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-policy kurrenti. Infurmat ukoll li bħalissa għaddej proċess ta' evalwazzjoni bejn l-Aġenzija u Taqsima SOGIGESC fi ħdan id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex ikun assigurat li l-policy tibqa' tkun aġġornata skont l-aħħar standards internazzjonali.

Seduta 153
10/10/2023

**CCF – BORD TA' MONITORAĠĠ**

**10766. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) fl-2022?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) iltaqa' darba fix-xahar għas-sena indikata.

Seduta 153
10/10/2023

**CCF – BORD TA' MONITORAĠĠ - LAQGĦAT**

**10767. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba ltaqa' l-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) bejn Jannar u Ġunju 2023?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-Bord ta' Monitoraġġ bejn Jannar u Ġunju 2023 iltaqa' darba fix-xahar.

Seduta 153
10/10/2023

**CCF – BORD TA' MONITORAĠĠ**

**10768. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'rakkomandazzjonijiet għamel il-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (CCF) fis-snin 2022 u 2023? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet?

03/07/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-irwol tal-Bord ta' Monitoraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin kien imsaħħaħ fl-aħħar snin, anke skont ir-rakkomandazzzjonijiet hekk kif kienu fid-dominju pubbliku b'rabta mar-riformi li kienu implimentati fis-sistemi korrettivi, u li issa qed ikunu segwiti.

Segwitu ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, tul is-sena 2022, l-irwol tal-imsemmi Bord ta' Monitoraġġ kien estiż billi b'żieda mal-membri attwali, żdied membru tal-bord ġdid li beda jservi fuq bażi full time b'uffiċċju awtonomu fdat bil-mansjonijiet ta' Kummissarju għall-Ħarsien u l-iżvilupp tal-Priġunieri. Tali rakkomandazzjonijiet dwar il-proċess rijabilitattivi jinħadmu skont il-proċeduri interni skont il-liġi rispettiva u hekk kif imexxija bejn it-tmexxija tal-ħabs u l-istess Bord. Fi żmien li ġej, skont kif imsemmi fil-liġi relevanti, jitpoġġa l-ewwel rapport annwali fuq il-mejda tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

Seduta 153
10/10/2023

**RAĦAL ĠDID – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11135. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl f'Raħal Ġdid jew parti minnu, tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11250, fejn ġew elenkati l-ħsarat kollha li żviluppaw fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku u li seħħew f'ċirkostanzi straordinarji kaġun tat-temperaturi estremi li esperjenzaw diversi pajjiżi fit-tieni nofs ta' Lulju.
Fir-rigward tal-kumplament tas-sena, ninsab infurmata li l-qtugħ fil-provvista kien skont ma jiġri f'ċirkostanzi normali, jew minħabba ħsarat lokalizzati li jinqalgħu minn żmien għal żmien b'mod naturali, jew inkella s-sospensjonijiet tas-servizz kienu ppjanati biex issir manutenzjoni li tkun meħtieġa perjodikament u li jitħabbru minn qabel. F'kull każ, l-Enemalta tagħmel l-almu kollu biex is-servizz jerġa' lura għan-normal fl-inqas ħin possibbli.
Biex isir l-eżerċizzju li diġà ntalab li jsir fil-każ ta' 30 lokalità differenti dan jirrikjedi ħafna ħin u riżorsi.

Seduta 153
10/10/2023

**MTA – STABBILIMENTI LIĊENZJATI F'WIED IL-GĦAJN**

**11136. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10936 u jgħid kemm kien hemm stabbilimenti liċenzjati f'Wied il-Għajn mal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) biex joperaw bħala ristorant u kemm għalqu jew kellhom l-liċenzja tagħhom irtirata sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

27/07/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta' Ġunju 2023 kien hemm 37 liċenzja ta' ristoranti u 29 liċenzja ta' snack bar attivi f'Wied il-Għajn. Stabbiliment wieħed ikkanċella l-liċenzja matul din is-sena.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-GUDJA – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11137. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl fil-Gudja jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**MARSAXLOKK – KNISJA TA' SAN PIETRU - RESTAWR**

**11138. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan sabiex il-Knisja ta' San Pietru f'Marsaxlokk hiex se tiġi restawrata u kkurata?

27/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali flimkien mad-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni kull sena joħroġ skema li permezz tagħha l-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw biex jipproponu proġetti ta' restawr fuq bini/monumenti storiċi li jinsabu fil-lokalità tagħhom. Il-proġetti magħżula taħt din l-iskema imbagħad jitwettqu direttament mid-Dipartiment tar-Restawr u Preservazzjoni matul ix-xhur ta' wara l-għażla.

Intant infurmat li din il-kappella mhijex inkluża fil-lista ta' proġetti magħżula s'issa, iżda mhux eskluż li tkun magħżula fil-futur, fl-eventwalità li tinfetaħ skema oħra u din tissodisfa l-kriterji ta' l-istess skema.

Seduta 153
10/10/2023

**SANTA LUĊIJA – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAD-DAWL**

**11139. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il darba kien hemm qtugħ fil-provvista tad-dawl f'Santa Luċija jew parti minnu tul din is-sena sal-aħħar ta' Settembru 2023 u x'kien il-kaġun ta' dan?

27/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-BELT – KNISJA TA' SANTA BARBARA - RESTAWR**

**11140. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara jekk hux possibbli li l-Knisja ta' Santa Barbara fil-Belt tiġi kkurata speċjalment f'dan iż-żmien billi hija traskurata esternament?

27/07/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-lum dan il-Ministeru ma ntalabx jagħmel intervent mis-sidien ta' din il-knisja.

Seduta 153
10/10/2023

**PROPRJETÀ MGĦODDIJA MILL-KNISJA LILL-ISTAT**

**11202. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid meta bdew in-negozjati bejn il-Gvern u s-Santa Sede dwar ftehim ġdid li jirregola l-proprjetà immobbli li l-Knisja Kattolika għaddiet lill-Istat Malti fl-1991? Jista' jgħid ukoll fiex waslu dawn in-negozjati?

14/08/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-negozjati dwar l-emendi tal-Ftehim dwar ir-relazzjonijiet bejn is-Santa Sede u l-Istat tar-Repubblika ta' Malta dwar kwistjonijiet ta' patrimonju bdew nhar l-14 ta' Frar 2023. Ninsab infurmat li dawn in-negozjati jinsabu fi stadju ta' skambju ta' ideat għal test aħħari.

Seduta 153
10/10/2023

**LESA – ĦADDIEMA MKEĊĊIJA**

**11203. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il impjegat tal-LESA ġie imkeċċi fl-2021 u 2022 waqt il-perjodu ta' probation tagħhom?

14/08/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi fis-sena 2022 kien hemm persuna waħda impjegata mal-LESA li twaqqfet waqt il-perjodu ta' probation.

Seduta 153
10/10/2023

**MCCAA - LISTA TA' DEĊIŻJONIJIET REGOLATORJI MEĦUDA MID-DIRETTUR ĠENERALI**

**11204. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti lista ta' deċiżjonijiet regolatorji maħruġa mid-Direttur Ġenerali, Kompetizzjoni f'ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), sena b'sena mill-2016 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fejn telenka fir-rigward ta' liema settur inħarġet id-deċiżjoni? F'kull istanza, tista' tgħid jekk id-deċiżjoni ġietx ikkontesta u x'kien l-eżitu finali?

14/08/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni mitluba rigward deċiżjonijiet regolatorji maħruġa mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni mill-2016 u li tinkludi s-settur konċernat, jekk id-deċiżjoni ġietx ikkontestata u x'kien l-eżitu finali.

Seduta 153
10/10/2023

**IDENTITY MALTA – TRANSFERS TA' ĦADDIEMA**

**11205. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru għall-Intern jispjega minn fejn u għal liema post saru t-transfers ta' ħaddiema (iktar minn 20 trasferiment) f'Identity Malta fl-aħħar jiem?

17/08/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li fl-Aġenzija Identità ma kienx hemm 20 trasferiment. Kwalunkwe trasferimenti interni li jsiru bejn id-diversi dipartimenti u taqsimiet li għandha l-Aġenzija dawn isiru skont l-esiġenzi tal-istess Aġenzija.

Seduta 153
10/10/2023

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-OMBUDSMAN**

**11206. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid għala għadu ma implimentax ir-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman fil-Paper Laid tal-1 ta' Novembru, 2018 sabiex il-persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tinħatar bħala Senior Principal fis-Servizz Pubbliku? Jista' jintervjeni biex dik l-ingustizzja tiġi indirizzata?

18/08/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokumenti li tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra fl-1 ta'Novembru 2018.

Seduta 153
10/10/2023

**AWTORITÀ TAD-DJAR - TQASSIM TA' UNITS ĠODDA**

**11226. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm tqassmu units f'housing soċjali minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Fejn huma dawn il-postijiet u kemm għandhom kera?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn April 2022 sal-5 ta' Ottubru 2023, il-Bord tal-Allokazzjonijiet fi ħdan l-Awtorità tad-Djar alloka 246 proprjetà maqsuma f'lokalitajiet skont it-tabella t'hawn taħt. Il-kera li titħallas tvarja bejn €218 u €5,607 fis-sena.

| **Lokalità** | **Total** |
|---|---|
| Attard | 2 |
| Birgu | 4 |
| Birkirkara | 11 |
| Birżebbuġia | 1 |
| Bormla | 10 |
| Bugibba | 1 |
| Burmarrad | 3 |
| Fgura | 2 |

| | |
|---|---|
| Floriana | 4 |
| Għajnsielem Għawdex | 5 |
| Għaxaq | 6 |
| Gudja | 1 |
| Gżira | 3 |
| Ħamrun | 7 |
| Lija | 1 |
| Marsa | 3 |
| Marsalforn Għawdex | 8 |
| Mellieħa | 3 |
| Mosta | 1 |
| Mqabba | 2 |
| Msida | 8 |
| Nadur Għawdex | 1 |
| Paola | 2 |
| Qawra | 23 |
| Qormi | 11 |
| Rabat | 1 |
| Rabat Għawdex | 8 |
| San Ġwann | 15 |
| San Lawrenz Għawdex | 1 |
| Sannat Għawdex | 1 |
| Siġġiewi | 3 |
| St Julians | 1 |
| St Paul's Bay | 21 |
| Sta Luċija | 12 |
| Sta Venera | 6 |
| Ta' Xbiex | 1 |
| Tarxien | 4 |
| Valletta | 25 |
| Wied il-Għajn | 3 |
| Xagħra Għawdex | 5 |
| Xewkija Għawdex | 1 |
| Xlendi Għawdex | 5 |
| Żabbar | 4 |
| Żebbug | 3 |
| Żejtun | 2 |
| Żurrieq | 1 |
| | **246** |

Seduta 153
10/10/2023

**STALLAZZJONI TA' LIFTIJIET**

**11227. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il lift ġie stallat fi blokki tal-Gvern jew tal-Awtorità tad-Djar minn April 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? F'liema lokalitajiet kienu stallati dawn il-liftijiet? Kemm ibbenefikaw inkwilini/sidien minn dawn l-inizjattivi? Kemm hemm minnhom li diġà bdew jiffunzjonaw?

22/08/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn April 2022 ġew installati u kkummissjonati 44 lift mill-Awtorità tad-Djar fi blokok ta' akkomodazzjoni soċjali. Dawn il-lifts kollha qed jiffunzjonaw u permezz tagħhom qed jibbenefikaw 859 resident għal aċċessibilità aħjar fil-binja tagħhom.

| Lokalità | Numru ta' blokki | Numru ta' residenti |
|---|---|---|
| Valletta | 3 | 42 |
| Lija | 1 | 14 |
| Qormi | 1 | 15 |
| Santa Luċija | 2 | 67 |
| Birkirkara | 2 | 41 |
| Ħamrun | 1 | 7 |
| Mosta | 10 | 154 |
| Attard | 2 | 34 |
| Marsa | 2 | 27 |
| San Ġwann | 4 | 81 |
| Rabat | 7 | 97 |
| Żejtun | 3 | 148 |
| Bormla | 1 | 12 |
| Pietà | 3 | 86 |
| Kikrop | 1 | 18 |
| Ta' Xbiex | 1 | 16 |
| Total: | 44 | 859 |

Seduta 153
10/10/2023

**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR - REVIŻJONI**

**11332. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux lest li jikkunsidra li l-kompetenza tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tiżdied minn €5,000 għal €10,000, u dan meta wieħed iqis li dan l-ammont kien ġie l-aħħar rivedut fl-2016, kif ukoll fid-dawl tal-emendi li saru reċentement fir-rigward tal-kompetenza tat-Tribunal għat-Talbiet tal-Konsumatur?

07/09/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm kunsiderazzjonijiet f'dan ir-rigward u kull eventwali deċiżjoni titħabbar fil-mument opportun.

Seduta 153
10/10/2023

**ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR - REVIŻJONI TAD-DANNI MORALI**

**11333. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk hiex lesta li tqis li l-ammont ta' danni morali skont l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, jiżdied mill-attwali massimu ta' €500 għal €1,000, u dan meta wieħed iqis li dan l-ammont kien ġie l-aħħar rivedut fl-2011?

07/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li preżentament qed jiġi kkunsidrat jekk l-ammont attwali ta' danni morali skont l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitlu 378) għandux jiġi miżjud.

Seduta 153
10/10/2023

**DIRETTIVA TAL-UE 2022/2555 - IMPLIMENTAZZJONI**

**11334. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'passi qed jittieħdu jew huma maħsuba li jittieħdu għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2022/2555?

07/09/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Ministeru qiegħed jaħdem fuq il-leġiżlazzjoni biex jittrasponi din id-Direttiva. Huwa maħsub li ssir konsultazzjoni pubblika dwar ċerti miżuri li jinsabu fid-Direttiva.

Seduta 153
10/10/2023

**COVID-19 - KAŻIJIET ĠODDA**

**11401. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xahar b'xahar kemm kien hemm, jekk kien hemm, każijiet ġodda ta' COVID-19 rapportati f'Malta mill-bidu tal-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' l-Ministru jgħid ukoll fid-dawl tar-rapporti ta' żieda fil-każijiet tal-COVID-19 f'pajjiżi oħra Ewropej, x'miżuri preventivi qed jittieħdu mill-Gvern Malti?

18/09/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi t-tabella mehmuza tindika kemm kien hemm każijiet ġodda ta' COVID-19 rapportati f'Malta fil-perjodu li talab hu. Min din il-gimgħa beda l-programm ta' tilqim mingħajr ħlas bil-booster tal-Covid 19.

| Xahar | Numru ta' ka¿ijiet irrappurtati ta' COVID-19 |
|---|---|
| Jannar | 705 |
| Frar | 421 |
| Marzu | 577 |
| April | 504 |
| Mejju | 262 |
| Ġunju | 251 |
| Lulju | 411 |
| Awissu | 696 |
| Settembru (sa d-19 ta' Settembru) | 230 |

Seduta 153
10/10/2023

**ĦARSIEN GĦAD-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR**

**11402. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid, mis-sena 2018 sal ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fir-rigward ta' kull liġi li saret li kienet tittratta xi aspett relatat mal-ħarsien tad-drittijiet tal-konsumatur (Kap 378), jew mal-liġijiet li jirregolaw il-kompetizzjoni (Kap 379), f'kull istanza fejn saret liġi ġdida jew ġiet emendata xi liġi, jekk kinitx ġiet inkarigata xi ditta ta' avukati biex tassisti fit-tfassil tal-liġi u f'kull każ liema kienet id-ditta?

18/09/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2018 sal-lum ma ġiet inkarigata l-ebda ditta ta' avukati sabiex tassisti fit-tfassil tal-liġi. Dan japplika kemm għal-liġijiet relatati mal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) kif ukoll għall-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379).

Seduta 153
10/10/2023

**MOSTA - ĊENTRU TA' MATUL IL-JUM GĦALL-ANZJANI - XOGĦLIJIET**

**11623. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma x-xogħlijiet li qed isiru fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani fil-Mosta? Jista' jgħid ukoll meta ser ikunu lesti dawn ix-xogħlijiet u meta ser ikun qed jerġa' jinfetaħ dan iċ-ċentru?

02/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li se jsiru fiċ-Ċentru għall-Anzjanità Attiva tal-Mosta jinvolvu xogħlijiet ta' tisbieħ. F'dan iċ-ċentru jridu jiġu indirizzati problemi ta' umdità eżistenti u jsir xogħol ta' tikħil u tibjid. Se jiġu mibdula l-aperturi tal-aluminium u l-ħitan diviżorji tal-gympsum biex isir uffiċċju aktar spazjuż u klinika tal-kontinenza. Il-madum eżistenti se jiġi illustrat u se jinbidlu l-kmamar tat-toilets. Fil-bitħa taċ-ċentru se jsir xogħol ta' tisbiħ biex tkun tista' tintuża għall-attivitajiet varji. Il-faċċata se titbajjad u l-aperturi tal-injam eżistenti se jinżebgħu mill-ġdid.
Dan iċ-ċentru se jkollu wkoll għamara ġdida li tinkludi kċina ġdida bl-appliances b'kollox. Se jiġu installati smoke detector u reverse osmosis. Hu ppjanat ukoll li jsir użu aħjar mill-ispazju eżistenti billi ssir multi-purpose room, sitting area u coffee station. Se jinbidel ukoll l-apparat elettroniku, li jinkludi t-television u l-PA system, biex ikun aktar modern kif ukoll apparat ġdid tal-arja kundizzjonata.
Dawn ix-xogħlijiet mistennija jkunu lesti għal Jannar 2024 u ċ-ċentru hu mistenni li jerġa' jiftaħ kif ikunu lesti x-xogħlijiet.

Seduta 153
10/10/2023

**DEMENTIA ACTIVITY DAY CENTRES - TRASPORT**

**11624. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm żviluppi dwar il-possibilità li persuni li jbatu bid-dimensja u li jattendu d-Dementia Activity Day Centres ikollhom ukoll il-faċilità ta' trasport sabiex ikunu jistgħu jattendu dawn iċ-ċentri?

02/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi t-tender relatat mas-servizz tat-trasport għall-persuni li jattendu d-Dementia Activity Centres ġie ppublikat fix-xhur li għaddew. L-offerti sottomessi ma kinux eliġibbli u għalhekk it-tender kellu jingħalaq. Bħalissa l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità qiegħed fil-proċess li jerġa' jippubblika it-tender għat-tieni darba.

Seduta 153
10/10/2023

**STRATEĠIJA NAZZJONALI GĦAD-DIMENSJA - INIZJATTIVI**

**11625. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-inizjattivi li twettqu mill-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja fil-gżejjer Maltin (2015-2023) – Ninċentivaw il-bidla? Jista' jgħid jekk il-Bord tal-Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja ġiex imwaqqaf u min huma l-membri ta' dan il-Bord? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex ser ikun qed iwaqqaf ukoll Direttorat speċifiku għal dan il-għan aktar u aktar fi żmien meta d-dimensja ġewwa pajjiżna qiegħda tiżdied kuljum?

02/10/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi minn meta ġiet varata l-Istrateġija Nazzjonali għad-Dimensja fl-2015, sar ħafna xogħol f'dan is-settur u twettqu ħafna mil-miżuri rakkomandati fl-istrateġija. Fost il-miżuri li twettqu nsibu t-twaqqif tad-Dementia Helpline, it-twaqqif tad-Dementia Intervention Team fejn professjonisti jżuru lill-persuni bil-kundizzjoni tad-dimensja ġewwa darhom stess u flimkien mal-familjari tagħhom ifasslu pjan ta' kura. Qed jingħata taħriġ lil dawk li jaħdmu ma' persuni bid-dimensja, u nfetħu tliet Ċentri ta' Attività għal persuni li jgħixu bid-dimensja, tnejn f'Malta u ieħor f'Għawdex. Matul is-snin kien hemm bord ta' implimentazzjoni li llum xolja u twaqqaf Direttorat għall-Kura tad-Dimensja. Id-Direttorat għall-Kura tad-Dimensja, mal-ewwel beda jaħdem fuq Strateġija ġdida li tkompli tibni fuq ix-xogħol li sar fl-ewwel Strateġija. Id-dokument tat-tieni Strateġija Nazzjonali għad-Dimensja ser joħroġ għall-konsultazzjoni pubblika fil-ġranet li ġejjin.

Seduta 153
10/10/2023

**ATTIVITÀ LI MATULHA TNIEDA D-DOKUMENT TA' QABEL IL-BUDGET 2024 - RENDIKONT**

**11630. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont sħiħ u dettaljat tan-nefqa li saret b'rabta mal-attività li matulha tnieda d-dokument ta' qabel il-Budget 2024 u li saret nhar l-Erbgħa 27 ta' Settembru 2023? Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' kwalunkwe fattura, rendikont u/jew talba għal ħlas dwar l-imsemmija attività?

02/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 153
10/10/2023

**ĦAL GĦARGĦUR - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11631. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità ta' Ħal Għargħur matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**MSIDA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11632. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Imsida matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' ukoll tgħid id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**MSIDA - ŻONA TAS-SWATAR - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11633. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fiż-żona tas-Swatar fil-lokalità tal-Imsida matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**SAN ĠWANN - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11634. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità ta' San Ġwann matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**SAN ĠWANN – ŻONA TAL-KAPPARA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11635. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fiż-żona tal-Kappara fil-lokalità ta' San Ġwann matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**BELT VALLETTA – QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11652. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Belt Valletta matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**FLORIANA - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11653. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Floriana matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**ĦAMRUN - QTUGĦ FIL-PROVVISTA TAL-ELETTRIKU**

**11654. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien hemm każijiet ta' qtugħ fil-provvista tal-elettriku fil-lokalità tal-Ħamrun matul il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Settembru 2023? Tista' tgħid ukoll id-data ta' kull meta seħħ qtugħ tal-provvista tal-elettriku, liema toroq kienu milquta mill-qtugħ tal-provvista tal-elettriku u kemm-il siegħa dam il-qtugħ fil-provvista tal-elettriku?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba li tajt għall-mistoqsija parlamentari 11135.

Seduta 153
10/10/2023

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA REĠISTRATI F'PAJJIŻNA**

**11660. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jelenka n-numru ta' persuni ta' nazzjonalità barranija li hawn reġistrati f'pajjiżna? Jista' l-Ministru jelenka kemm-il persuna hawn f'Malta maqsuma għal kull pajjiż u kemm huma nisa u kemm huma rġiel?

02/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA REĠISTRATI F'PAJJIŻNA**

**11661. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ta' nazzjonalità barranija hawn f'kull lokalità, maqsuma skont il-pajjiż tal-oriġini, u kemm huma nisa u kemm huma irġiel?

02/10/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA REĠISTRATI F'PAJJIŻNA**

**11662. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ta' nazzjonalità barranija hawn f'kull lokalità, maqsuma skont il-pajjiż tal-oriġini, u kemm huma nisa u kemm huma rġiel?

02/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li din l-informazzjoni tinsab fiċ-ċensiment. Nitolbok tirreferi għad-dokument impoġġi fuq il-mejda tal-kamra P.L.1024

Seduta 153
10/10/2023

**PERSUNI TA' NAZZJONALITÀ BARRANIJA REĠISTRATI F'PAJJIŻNA**

**11663. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna ta' nazzjonalità barranija hawn f'kull lokalità, maqsuma skont il-pajjiż tal-oriġini, u kemm huma nisa u kemm huma rġiel?

02/10/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**PROJECT GREEN - ĦADDIEMA**

**11665. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10610, issa li għaddew 3 xhur minn mindu konna mgħarrfa li l-proċess ta' ristruttura kien fil-fażi finali tiegħu, tista' l-Ministru tgħid kemm hu l-ammont ta' impjegati ta' Project Green, f'liema skala u grad u kemm hemm impjegati f'kull skala?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 153
10/10/2023

**PROJECT GREEN - UNPLUGGED - MIDWEEK IN THE PARK**

**11666. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10612 u issa li s-sensiela ta' events "Unplugged - Midweek in the Park" jidher li waslu fi tmiemhom, tgħid kemm kien hemm minnhom, kemm intefaq għall-organizzazzjoni tagħhom, u kemm intefaq għar-riklamar tagħhom?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta twaqqfet fil-bidu ta' din is-sena s'issa, Project Green diġà ħabbret aktar minn €50 miljun investiment f'diversi proġetti madwar Malta u Għawdex. Dawn jinkludu proġetti li se jsiru fil-lokalitajiet ta' San Ġwann, Mosta, fil-Kottonera, Tal-Pietà, Żurrieq, Raħal Ġdid, Marsaxlokk, San Pawl il-Baħar, Msida, Ħal Għargħur, Għajnsielem, Għaxaq, Mellieħa, Mtarfa, Santa Venera, kif ukoll l-ewwel ġnien carbon-neutral fil-gżira Għadwdxija li se jsir fix-Xewkija.

Fl-istess waqt, din is-sena diġà tlestew aktar minn 45,000 metru kwadru f'ġonna u spazji miftuħa ġodda jew riġenerati madwar il-pajjiż. Wieħed mill-għanijiet ta' Project Green huwa li tippromwovi u tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-ispazji miftuħa. Dan sabiex naraw li dejjem aktar individwi jkunu mhux biss konxji ta' dawn l-ispazji, imma jkunu jistgħu jutilizzawhom aktar spiss u matul is-sena kollha.

L-inizjattiva 'Unplugged - Midweek in the Park' kienet maħsuba proprju għalhekk u permezz tagħha l-aġenzija attirat aktar minn 2,000 ruħ ġewwa l-Green Open Campus fil-Mosta. L-organizzazzjoni swiet €44,023 biex saru erba' avvenimenti matul Lulju li taw spazju lil artisti u mużiċisti Maltin biex jesbixxu live, u €9,856 intefqu f'avviżi biex il-pubbliku ġie mgħarraf bl-avvenimenti li saru u kien mistieden jattendi għalihom.

Seduta 153
10/10/2023

**PROJECT GREEN – NEFQA TOTALI**

**11667. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid mill-bidu tas-sena 2023, sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari x'kienet in-nefqa totali ta' Project Green, u minn din in-nefqa kemm kienet in-nefqa fir-remunerazzjoni tal-istaff, ħaddiema u amministrazzjoni, u kemm kienet in-nefqa totali f'reklamar u marketing (inkluż dak stampat, online, social media, ritratti, videos eċċ)?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 153
10/10/2023

**RECORDS TA' IDENTITÀ - PERSUNI RESIDENTI F'MALTA U GĦAWDEX**

**11668. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm, skont ir-records ta' Identità (ex-Identity Malta), huma l-persuni residenti f'Malta u Għawdex sal-aħħar ta' Settembru 2023 (jew l-iżjed data riċenti li għaliha din l-informazzjoni hija disponibbli)? Jista' jara li din il-figura tinkludi persuni kemm-il fuq u kemm taħt it-18-il sena u kemm dawk ta' nazzjonalità Maltija u barranija, kif ukoll dawk residenti fi djar tal-anzjani (pubbliċi u privati), sptarijiet

(pubbliċi u privati), fiċ-ċentri miftuħa, ċentri ta' detenzjoni u fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin? Barra minn hekk jista' wkoll jaqsam dawn il-figuri skont il-lokalità, f'dan il-format: (Lokalità ; Maltin <18-il sena ; Maltin >18-il sena ; Barranin <18-il sena ; Barranin >18-il sena)?

02/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11662.

Seduta 153
10/10/2023

**ĦAL QORMI – ŻONA TA' FARSINA - ILMENTI**

**11669. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin fiż-żona ta' Farsina f'Ħal Qormi u l-madwar, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed isir dwar ir-riħa tinten u qawwija li qed ikun hemm wara nżul ix-xemx, minħabba xi ħruq ta' materjal? Jista' jgħid ukoll x'qed isir biex jiġi identifikat jekk is-sors jistax ikun ta' periklu, u jekk hu l-każ, x'inhu jsir biex tkun protetta s-saħħa tar-residenti?

02/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill ministru konċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**ĦAL QORMI – ŻONA TA' FARSINA - ILMENTI**

**11670. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Peress li kien hemm numru ta' lmenti mingħand residenti Qriema dwar l-istat ħażin fiż-żona ta' Farsina f'Ħal Qormi u l-madwar, tista' l-Ministru tgħid x'qed isir dwar ir-riħa tinten u qawwija li qed ikun hemm wara nżul ix-xemx, minħabba xi ħruq ta' materjal? Tista' tgħid ukoll x'qed isir biex jiġi identifikat jekk is-sors jistax ikun ta' periklu, u jekk hu l-każ, x'inhu jsir biex tkun protetta s-saħħa tar-residenti?

02/10/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li matul din is-sena sal-bidu t'Ottubru ġew investigati mill-ERA seba' każijiet dwar ħruq ta' skart fl-akkwati ta' Ħal Qormi viċin iż-żona Ta' Farsina, kif indikati fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra. Dawn il-każijiet kienu jinkludu Wied is-Sewda u żoni oħrajn li jmissu ma' Ta' Farsina.

Seduta 153
10/10/2023

**GĦASSA TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ – KUNTRATT**

**11681. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt li l-Gvern għandu mas-sidien tal-proprjetà li bħalissa qiegħda tintuża bħala l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ?

02/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi skont il-prassi, tali kuntratti mas-sidien ta' proprjetajiet rispettivi isiru f'kuntratt li jaqa' taħt l-awtoritajiet kompetenti. Il-proprjetà inkwistjoni dejjem serviet bħala għassa u li minnha joperaw uffiċċjali tal-Korp tal-Pulizija.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-MOSTA - TRIQ STIVALA U TRIQ SANT ANNA - INĊIDENTI TAT-TRAFFIKU**

**11682. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrapportati inċidenti tat-traffiku fil-kantuniera bejn Triq Stivala u Triq Sant' Anna, fil-Mosta, sa minn meta nbidlet id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kungress Ewkaristiku?

02/10/2023
**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**RABAT – KNISJA TAL-BAĦRIJA – PROĠETT**

**11683. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett imħabbar mill-Kunsill Lokali tar-Rabat fl-2021 għar-riġenerazzjoni tal-pjazza quddiem u madwar il-Knisja tal-Baħrija?

02/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tar-Rabat li l-permess hu pendenti mal-Awtoritá tal-Ippjanar (PA691/22).

Seduta 153
10/10/2023

**LISTA TA' KIRI/BEJGĦ TA' ARTIJIET PUBBLIĊI**

**11684. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8402 u 9013, u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' artijiet pubbliċi li nbiegħu jew inkrew lil terzi mill-Awtorità tal-Artijiet mill-1 ta' Jannar tal-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jindika għal kull art jekk inkrietx jew inbiegħetx, permezz ta' liema proċess sar il-kiri jew il-bejgħ u lil min ingħataw, għall-artijiet li nkrew jgħid kemm hija l-kirja li titħallas fis-sena, u għall-artijiet li nbiegħu jgħid kemm kienet is-somma li l-Gvern irċieva għal tali bejgħ?

02/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**TRIQ IL-KUNSILL TAL-EWROPA U VJAL IL-KOTTONER – SIĠAR**

**11685. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk waqt ix-xogħlijiet li saru aktar kmieni din is-sena fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa f'Ħal Luqa u Vjal il-Kottonera fil-Fgura tneħħewx xi siġar? Jekk iva, jista' jgħid jekk dawn tqaċċtux jew inkella ġewx rilokati għal post alternattiv?

02/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fi Vjal il-Kottoner, fil-Fgura, għadhom ma bdewx. Dawn huma ppjanati li jibdew fil-ġimgħat li ġejjin. Waqt xogħlijiet fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa f'Ħal Luqa, tneħħew numru ta' siġar skond il-permess tal-ERA EP1036/21. Dawn is-siġar, li setgħu jiġu rilokati, ġew rilokati skond dan il-permess.

Seduta 153
10/10/2023

**IMTARFA – TRIQ IN-NARĊIS - TISWIJA TA' ASFALTAR**

**11686. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 8207, anke f'każ illi l-ħsara mhijiex kaġun tax-xogħlijiet li saru minn Infrastructure Malta, jista' l-Ministru jara li jittieħdu passi u jitranġa l-livell tat-triq sabiex jiġu solvuti l-problemi ta' ħafna residenti fi Triq in-Narċis fl-Imtarfa, li ilhom jilmentaw bil-ħsarat kbar li qed isofru fil-garaxxijiet tagħhom kaġun tal-ilma tax-xita?

02/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jirreferi għat-tweġiba għad-domanda 7585.

Seduta 153
10/10/2023

**KAPIJIET TA' SKEJJEL SEKONDARJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11715. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Kapijiet ta' skejjel sekondarji tal-Istat li ngħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 3 Kapijiet fl-iskejjel sekondarji tal-Istat li ngħataw deployment.

Seduta 153
10/10/2023

**ASSISTENTI KAPIJIET TA' SKEJJEL PRIMARJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11716. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Assistenti Kapijiet ta' skejjel primarji tal-Istat li ngħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 25 Assistenti Kapijiet fl-iskejjel primarji tal-Istat li ngħataw deployment.

Seduta 153
10/10/2023

**ASSISTENTI KAPIJIET TA' SKEJJEL MEDJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11717. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-Assistenti Kapijiet ta' skejjel medji tal-Istat li ngħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 4 Assistenti Kapijiet fl-iskejjel medji tal-Istat li ngħataw deployment.

Seduta 153
10/10/2023

**ASSISTENTI KAPIJIET TA' SKEJJEL SEKONDARJI TAL-ISTAT - DEPLOYMENT**

**11718. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm Assistenti Kapijiet ta' skejjel sekondarji tal-Istat li ngħataw deployment u ma baqgħux fl-iskola li kienu fiha fis-sena skolastika li għaddiet?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'kollox kien hemm 2 Assistenti Kapijiet fl-iskejjel sekondarji tal-Istat li ngħataw deployment.

Seduta 153
10/10/2023

**SENA SKOLASTIKA 2023-2024 - GĦALLIEMA ĠODDA MAL-ISTAT FIL-LIVELL PRIMARJU**

**11719. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati għalliema ġodda (jgħallmu l-ewwel sena skolastika 2023-2024 bħala Newly Qualified Teachers (NQTs) mal-Istat fil-livell primarju?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel primarji ġew ingaġġati 39 għalliem ġdid bħala NQT.

Seduta 153
10/10/2023

**SENA SKOLASTIKA 2023-2024 - GĦALLIEMA ĠODDA MAL-ISTAT FIL-LIVELL MEDJU U SEKONDARJU**

**11720. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ingaġġati għalliema ġodda (jgħallmu l-ewwel sena skolastika 2023-2024 bħala Newly Qualified Teachers (NQTs) mal-Istat fil-livell medju u sekondarju?

03/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-iskejjel medji u sekondarji ġew ingaġġati 69 għalliem ġdid bħala NQT.

Seduta 153
10/10/2023

**IŻ-ŻEJTUN - LISTA TA' LINJI SOFOR U/JEW PARKEĠĠI RISERVATI**

**11726. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11070, jista' l-Ministru jispeċifika kull wieħed mill-permessi ta' linji/parkeġġi u quddiem liema bieb/garaxx huwa maħruġ il-permess sabiex isir?

03/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għal-lista segwenti ta' linji sofor / parkeġġi riservati li jinkludu parkeġġi għal dawk li għandhom il-badge il-blu flimkien mal-ispazji riservati għat-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija, preżentament approvati minn Transport Malta fit-toroq imsemmija.

| **Triq** | **Linji Sofor** | **Parkeġġi Riservati** |
|---|---|---|
| Triq id-Duluri | 1 | 3 |
| Triq Santu Wistin | 2 | Xejn |
| Triq il-Qalb ta' Ġesu | Xejn | 1 |
| Triq Mikiel Cachia | Xejn | 1 |
| Triq Dun Spir Grixti | 1 | 1 |

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant għat-termini tal-Kap. 586 – Att Dwar il-Protezzjoni u l- Privatezza tad-Data.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-ĦAMRUN - ĊITAZZJONIJIET**

**11733. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet f'dawn l-aħħar tliet snin fil-lokalità tal-Ħamrun, maqsuma sena b'sena u skont it-toroq rispettivi?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta' kontravenzjonijiet maħruġa fil-lokalità tal-Ħamrun fis-sena 2021 kienu 15,354, fis-sena 2022 kienu 14,063 u minn Jannar sat-30 ta' Settembru 2023 kienu 7,941.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-FLORIANA - ĊITAZZJONIJIET**

**11734. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet f'dawn l-aħħar tliet snin fil-lokalità tal-Floriana, maqsuma sena b'sena u skont it-toroq rispettivi?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta kontravenzjonijiet maħruġa fil-lokalità tal-Floriana fis-sena 2021 kienu 9,580, fis-sena 2022 kienu 7,654 u minn Jannar sat-30 ta' Settembru 2023 kienu 5,036.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-MARSA - ĊITAZZJONIJIET**

**11735. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ċitazzjoni nħarġet f'dawn l-aħħar tliet snin fil-lokalità tal-Marsa, maqsuma sena b'sena u skont it-toroq rispettivi?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-numru ta kontravenzjonijiet maħruġa fil-lokalità tal-Marsa fis-sena 2021 kienu 8,557, fis-sena 2022 kienu 7,740 u minn Jannar sat-30 ta' Settembru 2023 kienu 5,812.

Seduta 153
10/10/2023

**ENVIRONMENTAL PROTECTION UNIT - UFFIĊJALI ASSENJATI F'GĦAWDEX**

**11736. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il uffiċjal hemm tal-Environmental Protection Unit assenjati f'Għawdex?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi xogħol relatat ma każijiet ambjentali jiġi segwit mill-Pulizija stazzjonati Għawdex.

Seduta 153
10/10/2023

**ENVIRONMENTAL PROTECTION UNIT - UFFIĊJALI**

**11737. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm uffiċjali fl-Environmental Protection Unit (EPU)?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fl-Environmental Protection Unit (EPU) hemm stazzjonati dsatax-il uffiċċjal li huma mmexxija minn Supretendent. Infurmat li fi ġranet li jkun hemm bżonn aktar infurzar, dawn ikunu assistiti minn sezzjonijiet oħra tal-Korp u minn entitajiet oħrajn.

Seduta 153
10/10/2023

**ENVIRONMENTAL PROTECTION UNIT - INFURZAR**

**11738. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il infurzar sar f'din l-aħħar sena, u f'liema lokalitàjiet sar, mill-Environmental Protection Unit (EPU) assenjati f'Għawdex?

03/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11736.

Seduta 153
10/10/2023

**BINI TA' SPTAR ĠDID TAS-SAĦĦA MENTALI**

**11776. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika permezz ta' mappa/pjanta fejn ser ikun qed jinbena l-isptar il-ġdid tas-saħħa mentali?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi qed impoġġi fuq il-mejda tal-kamra pjanta kif mitlubha minnu

Seduta 153
10/10/2023

**SPTAR ĠDID TAS-SAĦĦA MENTALI – XOGĦLIJIET**

**11777. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika fiex wasal ix-xogħol fuq l-isptar il-ġdid tas-saħħa mentali?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi bħalissa qed isir ix-xogħol relatat mad-disinn ta' dan il- proġett u mal ħruġ ta' permessi

Seduta 153
10/10/2023

**PAOLA HEALTH HUB - FTUĦ**

**11778. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jiftaħ il-Paola Health Hub?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi il-pjan hu li Paola Hub jiftaħ fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla.

Seduta 153
10/10/2023

**PAOLA HEALTH HUB – SERVIZZ TA' EMERĠENZA**

**11779. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex ser jikkonsisti s-servizz ta' emerġenza li kien ġie ppreżentat li ser jaħdem fil-Paola Health Hub?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi fil- Hub Vincent Moran ta' Raħal Ġdid se jkun hemm *Immediate Medical Unit* li se jkun *manned* mill-professjonisti tad-dipartiment tal-Emerġenza ġewwa Mater Dei.

Seduta 153
10/10/2023

**PAOLA HEALTH HUB – BŻONN TA' TOBBA, INFERMIERA U ALLIED HEALTH PROFESSIONALS**

**11780. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm bżonn ta' tobba, infermiera u allied health professionals fil-Paola Health Hub il-ġdid u kemm minnhom diġà ġew identifikati u infurmati?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-ONor. Interpellant illi t-tobba, infermiera u Allied Health Professionals, li bħalissa qed jaħdmu miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal l-Ġdid, ġew identifikati li se jimxu għaċ-Ċentru tas-Saħħa Reġjonali Ċensu Moran fl-ewwel fażi tal- operat. Fl-istess waqt qed jiġu identifikati ir-riżorsi li hemm bżonn għas-servizzi li se jingħatgħu fil-fażijiet sussegwenti.

Seduta 153
10/10/2023

**PAOLA HEALTH HUB – ĦADDIEMA KLERIKALI**

**11781. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ser ikun hemm ħaddiema klerikali fil-Paola Health Hub u kemm minnhom ġew identifikati u infurmati?

03/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm 18-il ħaddiem klerikali (contractuals) fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal il-Ġdid u se jiġu trasferiti għaċ-Ċentru tas-Saħħa Reġjonali Ċensu Moran skont l-esigenzi tas-servizz. . Daqt ħa jibda t-taħriġ meħtieġ lil dawn il-ħaddiema fuq għodod ġodda fil-ġimgħat li ġejjin

Seduta 153
10/10/2023

**KAWŻI TA' MWIET F'MALTA**

**11788. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 8610, 9293 u 10409 u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 6173 u 6776, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istess informazzjoni għas-sena 2022?

04/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni li qiegħed jitlob hu għadha mhux disponibbli. Dan huwa eżerċizzju li jieħu hafna ħin u jkun disponibbli bejn l-aħħar ta' din is-sena u l-bidu tas-sena d-dieħla. Wieħed jista' jinnota li bħalissa l-EUROSTAT qed iforni biss data dwar il-kawża tal-mewt sal-2020.

Seduta 153
10/10/2023

**EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND - PRIORITY AREAS**

**11795. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jelenka l-Priority Areas imsemmija fl-Operational Program (OP) tal-European Regional Development Fund (ERDF) li ma jistax jipparteċipa direttament il-Ministeru għal Għawdex?

04/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Operational Programme(OP) tal-European Regional Development Fun(ERDF) għandu Priority Areaddedikata kollha kemm hi għal Għawdex. Madankollu d-dokument jgħid ukoll li l-inizjattivi mmirati taħt l-istess Priority Area,se jkunu kkumplimentati wkoll minn investimenti previsti taħt Priority Areasoħrajn, li minnhom se jibbenefika wkoll Għawdex.

Seduta 153
10/10/2023

**EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND - PRIORITY AREAS**

**11796. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej jelenka l-Priority Areas imsemmija fl-Operational Program (OP) tal-European Regional Development Fund (ERDF) li ma jistax jipparteċipa direttament il-Ministeru għal Għawdex?

04/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11795.

Seduta 153
10/10/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - PERSONS OF TRUST' U KONSULENTI - REMUNERAZZJONI**

**11808. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jipprovdi lista kompluta tal-'persons of trust' u konsulenti fi ħdan il-Ministeru tiegħu? Jista' jagħti wkoll il-pakkett remuneratorju tagħhom, inkluż l-allowances li jappartjenu għal pożizzjoni tagħhom?

04/10/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-persuni impjegati bħala person of trust jew konsulenti huma ingaġġati skont il-Manwal, li kopja tiegħu diġà' tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 153
10/10/2023

**RABAT, GĦAWDEX - UFFIĊĊJU TAL-MALTA PUBLIC TRANSPORT ĠEWWA IL-BUS TERMINUS**

**11809. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk l-uffiċċju tal-Malta Public Transport ġewwa l-Bus Terminus fir-Rabat, Għawdex huwiex magħluq? Jekk iva, x'inhi r-raġuni u meta ser jerġa' jinfetaħ?

04/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jagħmel referenza għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari numru 7852 fejn ġie spjegat kif l-operat tal-uffiċċju msemmi ġie mifrux f'aktar lokalitajiet hekk kif is-servizzi pprovduti minn dak l-uffiċċju issa qed jingħataw b'mezzi differenti. Dan sar biex il-pubbliku jkun moqdi aħjar bis-servizzi jkunu ferm aktar aċċessibbli.

Seduta 153
10/10/2023

**LABORATORJU TAL-ISPTAR ĠENERALI T'GĦAWDEX – BAĠIT ALLOKAT**

**11810. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma l-baġit allokat għal-laboratorju tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex?

04/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l- baġit tal-Gvern tas-sena li ġejja se jitħabbar fit-30 ta' Ottubru.

Seduta 153
10/10/2023

**IX-XEMXIJA - TRIQ KATERINA VITALE U TRIQ IL-FUĦĦAR, - BINI TA' ĦAJT F'NOFS IT-TRIQ**

**11823. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid fuq liema bażi nħarġu permessi biex ġewwa Triq Katerina Vitale u Triq il-Fuħħar, fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar jinbena ħajt ta' iżjed minn żewg metri għoli fin-nofs tat-triq? Għal kemm żmien hu mistenni li jdum f'nofs it-triq dan il-ħajt? Hu ppjanat li jinbnew ħitan simili f'din iż-żona?

04/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi l-permessi in kwistjoni nħarġu skond r-regolamenti li jipprovdu protezzjoni għall-pubbliku.

Infurmat ukoll mill-istess Kunsill Lokali li d-depożitu ta’ stekkat (boundary walls) mistenni jitneħħa meta l-protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-persuna ma tkunx għadha aktar meħtieġa.
Finalment infurmat ukoll li ħitan ta’ dan it-tip jinbnew skont l-eżiġenza tax-xogħol fuq rakkomandazzjoni tal-perit tal-binjarelattiva.

Seduta 153
10/10/2023

**IX-XEMXIJA - RAPPORTI TA’ XOGĦOL TA’ SKAVAR FIS-SIT TAL-EKS MISTA VILLAGE**

**11824. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il rapport ta' xogħol ta' skavar fis-sit tal-Eks Mistra Village, fix-Xemxija wasal għand l-Awtorità tal-Ippjanar u għand l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) matul l-2023? Jista’ jgħid ukoll meta waslu dawn ir-rapporti u x'passi ttieħdu minn dawn l-awtoritajiet wara li daħlu dawn ir-rapporti?

04/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq it-sit tal-Eks Mistra Village daħħlu tliet (3) rapporti matul is-sena 2023. Infurmat mir-rapporti li daħħlu li l-ebda wieħed ma kien jikkonċerna skavar.

Seduta 153
10/10/2023

**SAN PAWL IL-BAĦAR - PREŻENZA TAL-PULIZIJA**

**11825. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10959, jista’ l-Ministru jagħti tagħrif dwar xi preżenza tal-Forzi Armati u tal-LESA ta' Malta kien hemm fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar matul dan is-sajf? X'tip ta' interventi kienu mitluba jwettqu?

04/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Kemm l-Aġenzija LESA u anke l-Forzi Armati ta' Malta jaqdu rwol f'diversi postijiet u lokalitajiet sabiex dawn ikunu aktar siguri. Matul dan is-Sajf, l-Aġenzija LESA kienet impennjata sabiex tagħmel rondi kontinwi inkluż sa tard filgħaxija, primarjament marbuta ma skart, traffiku, u imġieba mhux xierqa. Il-Forzi Armati ta' Malta għamlu diversi rondi speċjalment fil-ħin ta' filgħaxija u filgħodu kmieni sabiex jiżguraw iż-żamma tal-ordni. Dawn iż-żewg entitajiet kienu qed jassistu entitajiet oħrajn li ta' kulljum jaħdmu f'din iż-żona, primarjament il-Korp tal-Pulizija.

Seduta 153
10/10/2023

**IMPORTAZZJONI TA' LAĦAM**

**11826. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11030 jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti tagħrif dwar kemm kien hemm każi ta' ksur tar-regolamenti fejn laħam miġjub minn barra inbiegħ bħala prodott lokali, kif imsemmi fl-istess mistoqsija parlamentari? Kemm-il każ kien hemm fejn ttieħdu passi dwar dan l-allegat ksur minn Jannar 2023 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ jgħid ukoll f’liema lokalitajiet instabu dawn il-każijiet u kemm għal kull lokalità?

04/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-ispezzjonijiet li saru minn uffiċċjali għas-Saħħa Ambjentali minn Jannar 2023 s’issa ma nstab l-ebda laħam miġjub minn barra li kien qed jinbiegħ bħala prodott lokali.

Seduta 153
10/10/2023

**BIĊĊERIJA TA' GĦAWDEX - QATLA TA' MAJJAL**

**11827. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10961 jista' l-Ministru jikkonferma r-risposta għal dak li jikkonċerna l-qatla tal-majjal? Jekk iva, jista' wkoll jagħti tagħrif dwar jekk minbarra l-biċċerija tal-Gvern, hux qed ikun hemm ukoll qatliet f'biċċeriji privati u jekk iva, liema biċċeriji privati huma approvati għall-qatliet tal-majjal?

04/10/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**IL-QAWRA - CARPARK TAĦT L-ISKOLA PRIMARJA**

**11828. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-bye-law li permezz tagħha qed jiġi operat il-carpark ta' taħt l-Iskola Primarja tal-Qawra?

04/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-Bye Law kkonċernata għadha ma ġietx fis-seħħ minħabba trattattivi li għaddejjin bejn id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Kunsill Lokali nnfisu. Intant infurmat li l-Kunsill Lokali ħa deċiżjoni sabiex il-car-park jinfetaħ mingħajr ħlas sakemm dan il-proċess jiġi konkluż.

Seduta 153
10/10/2023

**XEWKIJA - KAMPUS UNIVERSITARJU – PJAN BIEX JIŻDIEDU L-KORSIJIET**

**11833. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jikkonferma x'tip ta' investimenti hemm pjanati fuq il-Kampus Universitarju ġewwa x-Xewkija, Għawdex, u jekk hemmx pjan li jiżdiedu xi korsijiet? Jekk iva, liema korsijiet?

05/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt li għadu kif tlesta r-restawr tal-faċċata tal-Universita msemmija, hu ppjanat li din l-Universita ssir hub edukattiv f'Għawdex, ċentru għall-konferenzi u kif ukoll post fejn jistgħu jiġu ospitati attivitajiet kulturali.
Fir-rigward ta' korsijiet, ġie organizzat serje ta' korsijiet ġodda offruti taħt il-programm tal-Liberal Arts and Sciences filwaqt li hu ppjanat ukoll li jsiru korsijiet oħra fis-snin li ġejjin.

Seduta 153

10/10/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**11843. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10553 u cjoe`: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10178 u jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li qed titwieġeb din il-mistoqsija?

05/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**EMERĠENZA – UŻU TAN-NITROUS OXIDE**

**11856. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10557, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm daħlu persuni fl-Emerġenza minħabba l-użu tan-nitrous oxide matul l-2023 u sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-uniku każ rigward nitrous oxide irrapurtat fl-2023 huwa marbut ma' inċident tad-diving.

Seduta 153
10/10/2023

**GĦAJNUNA MINN FONDI EWROPEJ TAĦT L-ISKEMA ERDF**

**11857. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10556 u ċjoè: Fid-dawl li l-kumpanija li d-detatlji dwarha qed jingħataw separatament ingħatat is-somma ta' €270,000 f'għajnuna mill-fond Ewropew taħt l-Iskema ERDF u fid-dawl li mill-istess fond ingħatat is-somma ta' €450,000 lil kumpanija oħra li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament ukoll, jista' l-Ministru jagħti lista sħiħa ta' dawk kollha li bbenefikaw minn dan il-fond mill-2017 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid x'inhuma l-kriterji li fuqhom jingħataw dawn il-fondi u min huma l-membri tal-bord li jagħmlu din l-għażla?

05/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**MTA - SAN ĠILJAN - ENCROACHMENTS GĦAL UMBRELEL U DECKCHAIRS FIL-BAJJA TA' SAN ĠORĠ**

**11858. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10554 u jgħid jekk l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) approvatx iktar encroachments għal umbrelel u deckchairs ġewwa l-Bajja ta' San Ġorġ f'Paceville, San Ġiljan? Jista' jgħid min huma l-operaturi li għandhom l-approvazzjoni tal-MTA għal dan, fid-dawl li din il-bajja taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-MTA?

05/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-operaturi ġewwa l-bajja ta' San Ġorġ huma determinati minn kuntratt datat 2005 validu għal 50 sena maħruġ mill-Kummissarju tal-Artijiet. Minn dakinhar sal-lum ma ġie approvat l-ebda encroachment ġdid.

Seduta 153
10/10/2023

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - SAN ĠILJAN - ENCROACHMENTS GĦALL-BAJJA TA' SAN ĠORĠ**

**11859. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10555 dwar encroachments ġodda għall-Bajja ta' San Ġorġ, ġewwa Paceville f'San Ġiljan, jista' l-Ministru jaġġorna l-Kamra dwar il-proċess li qed jirreferi għaliha fl-istess tweġiba?

05/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**KEMMUNA - CONCESSIONS U ENCROACHMENTS GĦAL TQEGĦID TA' DECKCHAIRS/UMBRELLEL**

**11860. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10453 u jgħid jekk ingħatawx xi concessions u encroachments għal areas ġodda ġewwa l-Bajja ta' Kemmuna? Jista' jipprovdi lista ta' min huma dawk kollha li matul dan is-sajf se jkollhom concession/encroachment f'din il-bajja fid-dawl li din hija art pubblika u għaldaqstant il-pubbliku għandu dritt li jkun jaf? Fid-dawl tal-kummenti li għamel fil-Parlament, fejn il-Ministru qal li ser ikun hemm 65% inqas ta' deckchairs/umbrellel, jista' jispega dan, aktar u aktar meta tpoġġew deckchairs/umbrellel f'żoni oħra fl-istess bajja, fosthom fuq żona protetta bħala 'garigue land' li hija parti miż-żona Natura 2000?

05/10/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ngħata l-ebda encroachment ġdid ġewwa l-Bajja ta' Blue Lagoon, iżda parti minn encroachment eżistenti ġie spustat għal parti oħra. Ninfurmah ukoll li tneħħiet encroachment oħra sabiex ġiet vakata ż-żona tal-moll, il-bajja, kif ukoll ir-rampa li tagħti għal bajja.

Seduta 153
10/10/2023

**SKEMA GĦAL PERMESSI TAL-CARAVANS**

**11861. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10463, jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet biex jitpoġġew caravans ġewwa l-Coast Road minn meta daħal fis-seħħ l-Avviż Legali sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

05/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tan-Naxxar illi l-istess Kunsill irċieva mitejn u erbgħa u tletin (243) applikazzjoni biex jitpoġġew *Caravans*fi Triq il-Kosta.

Infurmat ukoll li dan l-ammont ikopri l-perjodu minn meta kien pubblikat l-Avviż Legali sal-aħħar ta' Settembru (il-perjodu operattiv sakemm kien għadu japplika l-avviż legali).

Seduta 153
10/10/2023

**SIĠĠIEWI - PJANTI TAĊ-ĊENTRU TAS-SAĦĦA**

**11915. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti taċ-Ċentru tas-Saħħa li wiegħed li se jagħmel fis-Siġġiewi?

06/10/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**MCAST - KORS TAL-BSC IN BUILDING SERVICES**

**11916. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-MCAST waqqfet il-kors tal-Bachelor of Science (BSc) in Building Services?

06/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li sabiex l-istudenti jingħataw edukazzjoni ta' kwalità ogħla inkluż rikonoxximent ta' status bħala inġiniera professjonali, l-istudenti tal-MCAST li jixtiequ jmorru għall-qasam tas-servizzi tal-bini issa qed jiġu offruti jsegwu kors ta Baċellerat fl-inġinerija li jikkwalifikahom biex japplikaw għall-warrant ta' inġinier.

Dan il-kors huwa ta' kwalità għolja ħafna u huwa vverifikat u approvat mill-bord tal-inġinerija. L-istudenti jistgħu jispeċjalizzaw aktar fis-servizzi tal-bini permezz ta' korsijiet fil-livell ta' master offruti mill-MCAST sabiex isiru esperti fil-qasam. B'hekk l-istudenti tal-MCAST jieħdu r-rwol ta' warranted engineers speċjalizzati fil-livell ta' master f oqsma tal-Building Services.

Seduta 153
10/10/2023

**MCAST - WAQFIEN TAL-KORS ADVANCED DIPLOMA IN BUILDING SERVICES**

**11917. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għalfejn l-MCAST waqqfet il-kors tal-Advanced Diploma in Building Services?

06/10/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala istituzzjoni pubblika l-MCAST jeħtieġ li jkun konxju tal-użu tajjeb tal-fondi pubbliċi kif ukoll li jipprovdi sinerġiji li jippreparaw lill-istudenti għall-ambjent tax-xogħol professjonali tal-lum biex b'hekk jiġi żgurat li l-edukazzjoni tagħhom ma tkunx magħluqa.

L-MCAST jifhem ukoll li l-ambjent tas-servizzi tal-bini tal-llum qed jimxi aktar lejn l-użu tal-elettronika, intelliġenza artifiċjali, integrazzjoni tal-kompjuter, sistemi effiċjenti tal-HVAC, sostenibbiltà u disinn innovattiv tal-bini. L-MCAST joffri għadd kbir ta' korsijiet immirati għal dan is-settur inklużi programmi speċjalizzati ta' livell tekniku li permezz tagħhom l-istudenti jistgħu jkomplu l-istudji tagħhom inklużi iżda mhux limitati għal HVAC, intelliġenza artifiċjali, awtomazzjoni, elettronika, inġinerija, disinn elettriku sa sistemi industrijali 3 phase, żvilupp tal-bini, Programmazzjoni PLC u ħafna oqsma oħra meħtieġa fl-ambjent tas-servizzi tal-bini tal-lum.

Seduta 153
10/10/2023

**TOROQ ĠODDA LI REĠGĦU NFETĦU**

**11918. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika ta' kemm-il triq ġdida li saret f'dawn l-aħħar għaxar snin kellha terġa' tinfetaħ għal xi raġuni jew oħra?

06/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**BORD TAL-APPELLI DWAR L-IMMIGRAZZJONI - LAQGĦAT**

**11919. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kull meta jiltaqa' l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni? Jista' jgħid ukoll meta ltaqa' fl-2023 u meta huwa ppjanat li jiltaqa' fil-bqija tal-2023 u l-2024?

06/10/2023

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni jiltaqa' medja ta' għaxar darbiet fix-xahar.

Seduta 153
10/10/2023

**HIP REPLACEMENT - PAZJENTI MINGĦAJR DATA GĦALL-OPERAZZJONI**

**11946. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti li huma rreġistrati fis-sistema imma għad ma għandhomx data ta' meta ser issirilhom l-operazzjoni tal-hip replacement, fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

06/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Nirreferi lill-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija Parlamentari numru 11773.

Seduta 153
10/10/2023

**HIP REPLACEMENT - PAZJENTI LI GĦANDHOM DATA GĦAL OPERAZZJONI**

**11947. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm pazjenti li huma rreġistrati fis-sistema u li għandhom data ta' meta ser issir l-operazzjoni, tal-hip replacement, fil-ġurnata li fiha titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari?

06/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-prassi ta' dan id-dipartiment hi li l-pazjent jiġi infurmat bid-data ftit jiem qabel l-operazzjoni direttament mil-konsulent.

Seduta 153
10/10/2023

**SKEDA GĦAL OPERAZZJONIJIET TAL-HIP REPLACEMENT**

**11948. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra skeda li turi kemm ser isiru operazzjonijiet tal-hip replacement, f'liema ġurnata, maqsuma ġurnata b'ġurnata, mill-ġurnata li fiha tkun qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari 'l quddiem?

06/10/2023

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi operazzjonijiet tal-hip replacement isiru madwar 20 kull xahar.

Seduta 153
10/10/2023

**CONSERVATORIO VINĊENZO BUGEJA**

**11949. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jiskadi l-ftehim kurrenti dwar l-operat tal-Conservatorio Vinċenzo Bugeja li jinkludi d-djar Fejda u Jeanne Antide, u f'każ illi dan ser jiskadi fiż-żmien qarib, jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun qed jiġġedded?

06/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 153
10/10/2023

**DAY CENTRES TAL-ANZJANI – ĦADDIEMA**

**11950. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jaħdmu u f'liema kariga u/jew pożizzjoni fid-Day Centres tal-Anzjani qegħdin? Għal kull kariga u/jew pożizzjoni jista' l-Ministru jgħid kemm jonqos impjegati għall-full complement?

06/10/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lil Ministeru kkonċernat.

Seduta 153
10/10/2023

**URBAN IMPROVEMENT FUND U DEVELOPMENT PLANNING FUND - KUNSILLI LOKALI - BILANĊI**

**11951. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien il-bilanċ li kull Kunsill Lokali kellu, Kunsill Kunsill, fl-Urban Improvement Fund u/jew fid-Development Planning Fund, fit-3 ta' Lulju, 2023?

06/10/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli nterpellant jirreferi għall-mistoqsija Parlamentari 10127.

Seduta 153
10/10/2023

**BINĠEMMA, GĦEMMIERI - ROTTA 109**

**11952. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2005, dwar ir-Rotta 109, li tgħaddi minn u għal Tas-Salib, Għemmieri u Binġemma, jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rotta ġietx studjata minn Mejju 2022 u jekk hix se terġa' ssir bħalma kienet qabel l-2020, b'servizz kull siegħa minflok kull sagħtejn?

06/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel żewġ vjaġġi ta' filgħodu fuq ir-rotta 109 fl-inħawi msemmija joperaw ta' kull siegħa.Ninsab infurmat ukoll li wara li saret analiżi fuq id-'data' tan-numru ta' passiġġieri li jużaw is-servizz tat-trasport pubbliku mill-inħawi msemmija, jirriżulta li d-domanda hija żgħira ħafna u li għalhekk il-livell ta' servizz li qed jingħata fil-preżent huwa kkunsidrat bħala wieħed adegwat.Għaldaqstant, fil-preżent mhuwiex maħsub li tiżdied il-frekwenza fuq din ir-rotta.

Seduta 153
10/10/2023

**MANDATI TA' SEKWESTRU KONTRA KUNSILLI LOKALI**

**11953. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx Kunsilli Lokali li għandhom Mandat ta' Sekwestru pendenti kontrihom u jekk huwa l-każ, jista' jgħid liema huma l-Kunsilli kkonċernati u x'kien il-każ li wassal għal dan? Jista' jagħti wkoll in-numru ta' referenza, id-data, l-ammont fiskali (għal kull mandat) u l-ispejjeż li s'issa tħallsu għas-servizz tal-avukat li jiddefendi lill-Kunsill ikkonċernat?

06/10/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li tali domanda tirrikjedi ammont sostanzjali ta' riżorsi u ħin sabiex tingħabar l-informazzjoni rikjesta mill-Kunsilli kollha ta' Malta u Għawdex u għalhekk, stante l-fatt li tali informazzjoni ma tistax tingħabar fi żmien relattivament qasir, l-istess informazzjoni tingħata fi stadju ulterjuri.

Seduta 153
10/10/2023

**DEVOLUZZJONI TAL-ART U JEW PROPRJETÀ PUBBLIKA**

**11954. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn devoluzzjoni tal-art u/jew proprjetà pubblika mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid meta saret it-talba u/jew applikazzjoni biex dan isir għall-proprjetà inkwestjoni? Meta saret id-devoluzzjoni? Jista' jindika għal liema raġuni intlaqgħet it-talba? Jista' jgħid ukoll liema huma l-applikazzjonijiet li hemm pendenti mill-Kunsilli Lokali rispettivi f'dan ir-rigward, flimkien mat-talba meta din saret u għal liema skop?

06/10/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023

**TRANSPORT MALTA - IMPJEGAT**

**11955. L-ONOR. ALEX MUSCAT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħol għamel ma' Transport Malta l-individwu li ismu qed jintbagħat separatament? Kemm kienet jitħallas fix-xahar ta' dan ix-xogħol u kemm kien it-total ta' ħlas li ħa fil-perjodu li għamel jaħdem ma' din l-entità?

06/10/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 153
10/10/2023
**IDENTITÀ - IMPJEGAT**

**11956. L-ONOR. ALEX MUSCAT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħol għamel mal-aġenzija Identità l-individwu li ismu qed jintbagħat separatament? Kemm kienet jitħallas fix-xahar ta' dan ix-xogħol u kemm kien it-total ta' ħlas li ħa fil-perjodu li għamel jaħdem ma' din l-entità?

06/10/2023
**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-individwu msemmi qatt ma kien impjegat tal-Aġenzija Identità.

Seduta 153
10/10/2023

**QORTI TA' MALTA - IMPJEGAT**

**11957. L-ONOR. ALEX MUSCAT** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' xogħol għamel mal-Qorti ta' Malta l-individwu li ismu qed jintbagħat separatament? Kemm kienet jitħallas fix-xahar ta' dan ix-xogħol u kemm kien it-total ta' ħlas li ħa fil-perjodu li għamel jaħdem ma' din l-entità?

06/10/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-persuna li d-dettalji tagħha inagħtaw separatament ġie appuntat mill-Qorti biex tagħti s-servizz bħala interpretu darbtejn fis-sena 2015 u darbtejn oħra fis-sena 2017. It-tabella ta' hawn taħt turi kemm tħallas ta' dan ix-xogħol.

| **Sena** | **€** |
|---|---|
| 2015 | 34.94 |
| | 34.94 |
| 2017 | 41.30 |
| | 82.60 |
| Total | **193.78** |

Seduta 153
10/10/2023